Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40– Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

40.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**40.3Kommunikazzjoni mis-Sindku**

40.3.1 Is-Sindku rrefera għat-tneħħija tal-Bring-in-Sites. Huwa stqarr li għalkemm kien xettiku fuq din id-deċiżżjoni, jidher li din intlaqgħet tajjeb ħafna u anke ntlaqa' tajjeb il-fatt li ntroduċejna mill-ġdid l-ġbir tal-borża s-sewda kull nhar ta' Sibt. Huwa spjega kif il-konteninturi tal-ġbir tal-ħġieġ ġew ixxiftjati għal ħdejn il-Kunsill. Huwa rrefera għat-talba li kellna sabiex isir sett ta' *bins* tal-ġbir tal-iskart separat f'Chambray. Huwa semma' li l-Green MT laqgħu din it-talba.

40.3.2 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għall-proġett Network of Towns u għall-ewwel żjara relatata ma' dan il-proġett fl-Italja f'April-Mejju. Huwa semma' li

għal din iż-żjara tela' jirrappreżenta lil Kunsill u rrefera għal din l-inizjattiva bħala waħda pożittiva ħafna. Huwa rrefa għal konflitt li nqala' permezz ta' emails mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Għarb meta ntalab jissottometti d-dati tal-kumplament taż-żjarjar fir-Repubblika Ċeka u oħra fil-Portugal. Is-Sindku rrefera għad-diżappunt tiegħu xħin skopra li ż-żjara tar-Repubblika Ċeka ġiet imfassla eżatt fil-ġimgħa tal-festa t'Għajnsielem. Id-data ta' l-aħħar żjara tal-Portugal ser ikunu bejn l-1 u l-4 ta' Novembru. Is-Sindku iddispjaċih li ma ġejnix ikkonsultati dwar id-dati u anke dwar il-budget li hemm allokat għal Kunsill tagħna. Is-Sindku propona li bħala Kunsill għandna nibgħatu ittra lil Kunsill Lokali Għarb fejn għalkemm nammettu li aħna partners u mhux l-organizzaturi, għandna nkunu kkonsultati fuq id-dati peress li fi tlett mawriet aħna marbutin li noffru din l-esperjenza lil total ta' 37 persuna.

40.3.3 Is-Sindku rrefera għall-attivita' ta' Jum l-Omm bħala suċċess. Huwa semma li kienet idea sabiħa mmens li jmorru l-Lunzjata . Il-parteċipanti laqgħuha tajjeb ħafna.

40.3.4 Is-Sindku rrefera għall-attivita' sportiva X-Terra Kids imtella' f'Ta Passi.

40.3.5 Is-Sindku rrefera għaċ-ċerimonja tar-rebħ tal-Awards tal-Wasteserv li huwa personalment attenda għaliha. Huwa rrefera b'sodisfazzjon għar-rebħ ta' l-ewwel premju tal-Best Practice Administration konness mal-attivita' li konna tellajna b'konnessjoni mal-Environment Waste Reduction Week, dak ta' €1000 għal Kunsill tagħna u wkoll t-tielet premju għall-ġbir organiku f'Għawdex li tiegħu ħadna €2000.

40.3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivita ta' wirja ta' karozzi antiki li ttellghet fil-lokalita' tagħna nhar il-Hadd 20 ta' Mejju fl-okkażżjoni ta' Gozo Alive. Għal din l-istess okkażżjoni, is-Sibt 19 ta' Mejju kien hemm attivita' ta' tlielaq tal-karozzi tar-*remote control* ħdejn il-Heliport. Bħala Kunsill sellifnihom iż-żewg tined u s-Sindku u l-kunsillier Larry Buttigieg marru jgħinuhom jarmaw.

40.3.7 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-attivita' li ser tkun organizzata matul din il-*weekend* minn Għajnsielem Redcoats bl-isem ta' Girls & Women Gozo Sportsfest.

40.3.8 Is-Sindku rrefera għall-kunċert tal-baritonu minn Għajnsielem Charles Buttigieg li ser jinżamm fil-Knisja Parrokjali t'Għajnsielem nhar il-Hamis 7 ta' Ġunju 2018. Kulħadd huwa mistieden għal dan il-kunċert.

40.3.9 Is-Sindku rrefera għat-talba li kellna mingħand l-Għaqda tal-Armar Festa Sant'Antnin biex intaqqbulhom it-toqob għan-nar tal-art. Sar qbil li għandna nużaw il-ħaddiema tagħna biex jagħmlu dan ix-xogħol u li għandha tingħalaq it-triq għat-traffiku.

40.3.10 Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq iż-Żewwieqa u nforma lill-kunsilliera li illum ingħatat l-ewwel kisja tarmak. Huwa rrefera għal xi problemi

li nqalgħu minn xi residenti fosthom tal-Gleneagles fejn qed jaħsbu li t-triq tbaxxiet għalkemm mhux il-każ anke fuq il-konferma tal-Perit. Huwa semma' li huma qed jibżgħu li ser iżomm l-ilma quddiemhom iżda l-Perit assigurahom li mhux ser ikun hemm dan it-tip ta' problemi. Sar ukoll ilment mingħand is-sidien tal-flats tal-Imgarr Hotel fejn ilmentaw rigward l-entratura tagħhom. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li għamel fil-post mal-Perit u wkoll iltaqa' ma' xi residenti.

40.3.11 Saret referenza għad-diskussjoni li saret bejn il-kunsilliera rigward il-proposta li s-Sindku ressaq li s-siġra li hemm fi Triq iż-Żewwieqa titneħħa u titħawwel fil-Pjazza tad-Dehra jew fil-Pjazza Madonna ta' Loretu. Il-permezz biex isir dan inġab mill-ERA izda li titwaħħal fil-Pjazza tad-Dehra hija problema kbira peress li trid titħaffer konka kbira ħafna għal siġra ta' dak il-kobor. Sadanittant is-Sindku kkuntatja lill-Arċipriet sabiex filkaż inħawwlu fil-Pjazza minflok waħda minn dawk is-siġar il-mejta li hemm. Huwa semma' li din id-deċiżżjoni riedet tittieħed malajr peress li t-Triq kienet waslet biex tinkesa bit-tarmak. L-idea kienet biex it-triq titwessa u jitneħħa l-periklu li qegħda xi ftit fin-nofs. Il-Viċi Kevin Cauchi enfasizza li huwa mportanti li deċiżżjonijiet bħal dawn jittieħdu waqt laqgħa tal-Kunsill minħabba li l-każ ta' qlugħ ta' siġar huwa wieħed delikat ħafna. Is Sindku semma li dik is sigra mhix protetta u nġabu l-permessi kollha meħtiega biex isir ix-xoghol pero' ġiet diskussa malajr peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex tinżamm laqgħa peress li t-triq riedet tingħata l-aħħar kisja malajr. Il-kunsillier Peter Caruana oppona għal din id-deċiżżjoni peress li s-siġra ilha hemm ħafna u llum saret *landmark* tal-post. Sar qbil li għandna niżbruha u s-Sur Caruana rrefera wkoll għal ħtieġa ta' żbir tas-sigar li hemm faċċata ta' din is-siġra.

40.3.12 Is Sindku propona li għandu jsir traffic management ieħor lil Triq iż-Żewwieqa partikolarment f'dik l area fejn hemm is-siġra.

40.3.13 Is-Sindku rrefera għal fatt li ġie kkuntatjat rigward il-permessi tal-imwejjed li hemm fil-Pjazza l-qadima u dwar jistax ikun hemm area li ssir bil-parkeġġ limitat permezz ta' l-arloġġ. Sar qbil li għandna naraw is-sistema x'tinkludi u nieħdu parir dwarha.

40.3.14 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa pożittiva li l-Kunsill kellu mal-Ministru għal Għawdex Justyne Caruana fejn matulha ssemmew diversi proġetti fosthom Bethlehem f'Għajnsielem, ix-Xatt l-Aħmar, resurfacing ta' Triq il-Provigarju, ħtieġa ta' Speed Cameras fi Triq l-Imġarr, u problemi oħra. Fil-laqgħa sar qbil li għandu jingħata bidu għal Cost Benefit Analysis ta' Bethelehem f'Għajnsielem biex naraw kif nistgħu nisvolġu dan il-proġett.

40.3.15 Is-Sindku semma' li rigward il-proġett ta' Pjazza Tolfa għadna nistennew mingħand il-Perit Godwin Sultana.

40.3.16Is-Sindku rrefera għal proġett tal-Belvedere taz-Zewwieqa u għal fatt li ser issir xi *site inspection,* u li jekk ma jkunx jista jkun preżenti hu jmur xi ħadd ieħor mill-Kunsill.

40.3.17Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-kuntatt li kellu rigward id-double yellow line li kienu saru fi Triq Cordina b'konnessjoni mal-ħtieġ biex jkun jista jinħareġ it-trakk tal-ħaxix. Huwa semma' li qed jgħidu li l-garage ma għadux jintuża għat-trakk tal-ħaxix u għalhekk d-double *yellow lines* qedin quddiem ir-residenza tagħhom mingħajr ħtieġa. Huwa semma' li dawn ir-residenti rrabjati ħafna u talbuna nirrikonsidraw din id-deċizzjoni. Sar qbil li għandna nitolbu lil Transport Malta nistgħux nnaqsu minn dawn is-sinjali biex b'hekk jakkomodaw lil kulħadd.

40.3.18Is-Sindku rrefera għal fatt li d-decking taż-Żewwieqa jinsab lest u mistenni li jitwaħħal fil-jiem li ġejjin.

**40.4Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

40.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana staqsa fiex wasal il-pubblikazzjoni tal-offerta tar-resurfacing ta' Triq Hamri. Is-Segretarja spjegat kif il-Perit wegħda li għandu jgħaddilha d-dokumenti meħtieġa kemm jista jkun malajr u malli jkunu f'idejjha ser tippublikahom immedjatament.

40.4.2 Il-kunsillier Peter Caruana staqsa wkoll f'hiex wasal ix-xogħol tat-trinka tad-dawl fl-inhawi tal-Gudja. Is-Segretarja spjegat li saret l-applikazzjoni tax-xogħol tat-trinka u malli tiġi approvata jitwettaq ix-xogħol mill-kuntrattur Richard Cauchi.

40.4.3 Il-kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal talba mingħand Maria Portelli dwar bozza mwaħħla mal-post tagħha u li tixtieq li terġa tiġi xxiftjata minn fuq ir-residenza tagħha għal fuq l-arblu peress li din kienet ixxiftjata temporanjament sakemm jibnu ta' ma ġenbha.

40.4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-periklu li jeżisti fi Triq Mgarr speċjalment xħin tiġi biex toħroġ minn Triq J F de Chambray u minn Triq il-Mogħdija. Huwa talab sabiex jonqos l-arbuxell tat-tarf Triq J F de Chambray u jiġi eliminat il-parkeġġ tal-kantuniera ħdejn triq il-Mogħdija biex is-sewwieq ikollu vista aħjar xħin jiġi biex joħroġ għal Triq Mġarr. Saret referenza għal fatt għall-ħtieġa urġenti li titressaq din it-talba li ilna ntennu dwar dan il-periklu pero baqa ma sar xejn.

40.4.5 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-kont li hemm fis-*schedule of payment* tat-tiswija tal-pompa tal-pjazza tad-Dehra . Huwa staqsa għaliex id-dwal u l-funtana baqgħet ma' taħdimx kif suppost. Is-Sindku rrefera għal fatt li ilu għaddel bil-

korrispondenza u emails mibgħuta lill-partijiet kollha involuti biex isibu soluzzjoni u kulħadd jerfa l-piż tiegħu.

40.4.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-kont tal-meter tal-ilma ta' €4000 li rcieva l-Każin tal-Banda u li minnu l-Kunsill kien qed jikkonnsma għal tmien snin sħaħ għal Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Viċi Sindku, bħala Segretarju tal-Banda spjega kif l-meter tal-ilma jintuża ftit li xejn mill-Każin peress li hemm ħażna tal-ilma. L-akbar konsum kien jintuża għal Bethlehem f'Għajnsielem u għalhekk il-Każin qed jitlob lil Kunsill jikkollabora fil-ħlas ta' dan il-kont. Ġie ssuggerit li l-kont għandu jinqasam bejn tlieta, bejn il-Banda, Kunsill Lokali u Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil li għandha tintbgħat invoice lil Kunsill u sadanitant għand naraw napplikawx għal meter jew submeter.

40.4.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba sabiex isir patching lil Triq ix-Xatt l-Aħmar.

40.4.8 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-ġebel li ġie mitfuħ minn xi ndividwu fi Triq ix-Xatt l-Aħmar u propona li biex inneħħu l-periklu u l-iżgombru għandna nqabbdu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jinżlu bit-trakk tal-Kunsill u niġbruhom.

### 40.5Korrispondenza u Rapport

40.5.1 Ġiet trattatata l-istedina mingħand il-Kunvent ta' Sant'Antnin biex il-Kunsill jattendi għal quddiesa pontifikali tal-festa li ser tiġi ċċelebrata l-Ħadd 10 ta' Ġunju 2018, fid-9:00am.

40.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand Karen Borg ta' Triq Cordina sabiex isiru double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha peress li qed issibha diffiċli biex toħroġ bil-karozza tagħha mill-garage. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din it-talba.

40.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Niki Atzori għal Stop Sign fi Triq Manuel Pinto de Fonseca kantuniera ma' Triq Benghazi. Din it-talba ġiet aċċettata.

40.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Tona Azzopardi sabiex jinbidel il-madum tal-bankina quddiem blokka flattijiet fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Il-Kunsill qabel li peress li din il-bankina għada f'kundizzjoni tajba ma għandux jilqa' din it-talba.

40.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Josephine Buttiġieġ li toqgħod 'Bethel', Garden Street biex tittranġa ir-rampa għax il-karozza qed tħokk. Din it-talba ġiet approvata.

40.5.6 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Sunta Mallia biex jeħlu reflectors fit-truf tat-turġien tat-taraġ ta' Fuq il-Għajn. Sar qbil li għandna nintroduċu xi tip ta' dawl f'dan it-taraġ speċjalment meta nirranġawħ.

40.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Josette Bonello sabiex issir Zebra Crossing fejn il-kiosk tal-Fuli fi Triq ix-Xatt.

40.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Margaret Azzopardi biex terġa' teħel mera fi Triq il-Barumbara kantuniera ma' Triq Borg Għarib. Din it-talba ġiet aċċettata.

40.5.9 Ġiet trattata t-talba mingħand Stella Grech li toqgħod 74, Alpine House, Hamri Street għal *double yellow line* quddiem il-bieb tar-residenza tagħha. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba.

## 40.6Triq il-Brieghen u Xatt l-Ahmar – Mizura 4.3

40.6.1 Is-Sindku rrefera kif il-Bord tal-Evalwazzjoni kkonkluda l-evalwar tal-offerta u rrakkomda li l-għażla taqa' fuq il-kuntrattur Road Construction għal prezz ta' €224,678.92. Il-Kunsill approva dan.

40.6.2 Is-Sindku rrefera għall-problema li nqalgħet mingħand il-MEPA fejn qed jitolbuna sabiex nissottomettu 'full development permit application' għal dan il-proġett. Dan il-proċess ser jieħu xi ftit fit-tul u għalhekk żgur li l-proġett mhux ser ikun jista jintemm sa l-aħħar ta' Ġunju u għalhekk jinħtieġ li nitolbu estenzjoni.

40.6.3 Ser jigu modifikati l-pjanti u l-BOQ u ser nitolbu estenzjoni.

40.6.4 Saret referenza wkoll għal-laqgħa li saret mal-Perit Cilia tal-Malta Enterprise u dawn qablu li x-xogħol tat-trinka tal-fibre optic issir minn naħa tagħna u huma jtuna full reimbursement tagħha. Huwa kkonferma wkoll li x-xogħol ser ikun immoniterjat.

## 40.7 Hruġ ta' offerti tal-latrini

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-kuntratt tal-latrini, kemm dawk ta' Triq J F de Chambray kif ukoll dik tal-Imgarr huma skaduti u għalhekk jinħtieġ li jinħarġu mill-ġdid minnufih. Sar qbil li dawn għandhom jinħarġu għal tlett snin.

40.7.2 Is-Sindku propona li għandna nerġgħu ntennu t-talba mal-Ministeru għal Għawdex biex il-Latrina tal-Mġarr tittieħed taħt idejhom.

## 40.8 Quarterly Report Jan-Marzu 2018

40.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Quarterly Report għal perijodu ta' Jannar-Marzu 2018. Għal dan il-*quarter* ġie nnotat b'sodisfazzjon bilanċ ta' €16,247.

## 40.9 Management Letter 2017

40.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Management Letter għas-sena finanzjarja 2017. Il-Kunsill evalwa n-nuqassijiet li rreferew għalihom l-Awdituri u qabel li għandu jirrispondihom skond ir-risposta ppreparata għalihom.

## 40.10 Bollards ix-Xatt l-Ahmar

40.10.1 Saret referenza għad-deċiżżjoni li kien ħa l-Kunsill xi xhur ilu sabiex jingħalaq l-aċċess għal karozzi fil-bidu tal-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Is-Segretarja provdiet site plan tal-post u ġie immarkat eżatt fejn jinħtieġ li jeħlu. Sar qbil li għandna nagħmluhom kemm jista jkun malajr.

## 40.11 Master Plan ghal Kemuna

40.11.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li qed jiġi diskuss il-Master Plan għal Kemuna u peress li hija fit-territorju tagħna jkun xieraq li l-Kunsill ikun rappreżentat fil-Bord. Sar qbil li għandna nibgħatu din il-proposta lill-Ministeru għal Għawdex.

## 40.12 Proġett tat-Tarag

40.12.1 Is-Sindku irrefera għall-laqgha li kellu ma' Justin Attard l-kuntrattur ta' LBV Ltd inkarigat mill-proġett tat-taraġ. Huwa semma li fil-laqgħa nduna li l-bankina mhix imdaħħla fil-proġett. Ġiet diskussa din il-materja u sar qbil li l-bankina ser tinqala u tiġi koperta fil-proġett u flok is-siġra issir konka jew tiġi mħawwla xi siġra oħra.. Huwa spjega kif it-taraġ ser isir kollu kemm hu mill-irħam iżda l-weqfin ser isiru bil-mosaic. Bħala mosaic tat-taraġ irid isir xi ħaġa sempliċi ħafna magħmul minn kuluri ċari u jiġu wkoll inklużi l-armi tal-lokalitajiet li jieħdu sehem f'dan il-proġett tal-mosaic. Sar qbil ukoll li għandu jitneħħa l-parking ta' quddiem il-bankina billi tinstab soluzzjoni bejn il-ħtieġa ta' parking area u l-importanza tal-pedestrian. Sar qbil li l-parking area ta' Pjazza 10 ta' Diċembru għandha tiġi organizzata permezz ta' traffic management.

## 40.13 Embellishment Pjazza ta' Lourdes

40.13.1 Ġew preżentati l-pjanti kif preparati mill-Perit Shawn Micallef għall-pavimentar ta' quddiem il-knisja ta' Lourdes.

40.13.2 Sar qbil li għandna naraw jekk ninħtieġux permessi u li għandna noħorġu żewġ stimi, waħda għal materjal u oħra għax-xogħol.

### 40.14Aktar progetti tal-Mosaic

40.14.1Is-Sindku rrefera għall-aktar progetti tal-mosaic fosthom fi Triq il-Ġnien, fi Triq iż-Żewwieqa u fit-taraġ ta' Pjazza 10 ta' Diċembru. Ġew preżentati id-disinni.

### 40.15Htiega ta' Speed cameras fi Triq l-Imġarr

40.15.1Is-Sindku rrefera wkoll għall-intervista li saritlu fuq Newsbook rigward l-ħtieġa ta' *speed cameras* fi Triq Mġarr.

### 40.16Tolfarte 2018

40.16.1Għal Tolfarte 2018 għandna bħal kull sena naraw li ntellgħu xi grupp li jkun jirrapreżenta lill-komunita' tagħna. Sar qbil li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

### 40.17Bdil tad-decking tal-Belvedere fi Triq Hamri

40.17.1Ġie diskuss il-fatt li d-decking tal-Belvedere ta' Triq Hamri qed jinkiser kollu. Is-Sindku issugerixxa l-possibilita' li jsir madum skur biex ikun maintenance free. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit tal-proġett u nsaqsuh għas-suġġerimenti tiegħu.

### 40.18Approvazzjoni tal-Pagamenti

40.18.1Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

.

### 40.19Materji oħra

40.19.1Ġie mressaq l-approvazzjoni tat-tiġdid tal-kuntratt tal-Group 4 biex isiru d-depożiti tal-flus fil-bank kull ġimgħa. Is-Sindku propona dwar jekk hux possibli li jmorru l-istaff l-bank jew jiġu depożitati f'xi safe tal-bank filgħaxija. Is-Segretarja spjegat kif biex imur ħaddiem il-bank jieħu ħafna ħin u ħela ta' rizorsi u li jiġi jaqbel li nużaw dan is-servizz anke ħabba kwistjoni ta' safety. Sar qbil li għandna nġeddu dan il-kuntratt.

40.19.2Sar qbil li matul ix-xhur tas-sajf għandna norganizzaw kors tal-First Aid.

**40.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

1.

40.20.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju fl-4:15 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**